KUNSILL LOKALI BORMLA

# Rapport Annwali Amministrattiv

2021

Werrej


| | Pagna |
|---|---|
| Introduzzjoni mis-Sindku | 2 |
| Il-Kunsill Lokali | 3 |
| Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali | 6 |
| Il-Hidma tal-Kunsill Lokali | 9 |
| L-iskeda tal-Varjazzjoni fid-dhul u fin-nefqa | 13 |


THE REST, MISRAH SANTA MARGHERITA, BORMLA

## *1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku*

L-2021 kienet sena li matulha l-hidma tal-Kunsill Lokali kienet ikkundizzjonata mill-effetti li gabet maghha l-pandemija COVID-19. Minkejja dan, il-Kunsill Lokali hadem sfiq u hejja pjanijiet sabiex ikun jista' jimplimenta u jvara progetti f'diversi setturi matul is-sena 2022.

Filwaqt li fl-ewwel xahrejn tas-sena il-Kunsill Lokali hadem sabiex jaghlaq is-sena finanzjarja 2020 u jibni bazi sabiex matul l-istess sena jimplimenta progetti li kellu ppjanati, f'Marzu 2020, il-Kunsill Lokali kellu jibdel il-vizjoni tieghu u f'qasir zmien ihejji pjan ta' kif kien ser ikun ta' sapport ghall-komunita'. B'sinergija mal-awtoritajiet tas-sahha u direzzjonijiet moghtija mill-Gvern Centrali, il-Kunsill Lokali hadem sabiex filwaqt li jadatta ghas-sitwazzjoni, servizzi meqjusa bhala essenzjali jibqghu ghaddejjin. Ghal dan il-ghan, matul l-2021 investejna bis-shih fit-teknologija tal-informatika u sistemi li ppermettew illi hafna mis-servizzi li kien joffri l-Kunsill Lokali jkunu jistghu jibqghu jinghataw permezz ta' pjattaformi digitali. Investejna wkoll f'sistemi li permezz taghhom l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali setghet tibqa' twettaq hidmietha kemm mill-binja tal-Kunsill Lokali kif ukoll permezz ta' teleworking meta kien hemm il-htiega.

## 2.0 Il-Kunsill

### 2.1 IL-KUNSILL

Bormla jew kif inħi magħrufa, il-Belt Cospicua, għandħa popolazzjoni ta' madwar 5,400. Għalhekk, skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Bormla huwa kompost minn seba' Kunsillieri, b'Sindku u Viċi-Sindku eletti direttament mill-poplu.

Il-parti amministrattiva tal-Kunsill Lokali hija preżentement immexxija minn Segretarju Eżekuttiv, megħjun minn Assistent Uffiċjali Principali u zewg skrivani flimkien ma' zewg skrivani assenjati. Flimkien, l-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb li tikkordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċizjonijiet kollha li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali, jiġi ffaċilitat bil-ħidma tas-Sotto Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsill Lokali. Ix-xogħol tas-Sotto Kumitati huwa li jiddiskutu u jressqu proposti għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali li mbagħad jiġu nkluži fil-pjan ta' ħidma tiegħu meta jkunu approvati fis-seduti.




### 2.2 RESPONSABILITAJIET TAL-KUNSILLIERA:

Hija prerogattiva tas-Sindku li kull Kunsillier elett jinghata responsabbilitajiet ta' setturi varji biex fihom kull Kunsillier jahdem biex il-programm elettorali u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' hidma tal-Kunsill ikun iffacilitat.

Ghal dan il-ghan, ir-responsabbilitajiet tal-Kunsilliera u tas-Sindku innifisha kif deciz mis-Sindku kienu dawn:

**Legislatura numru 8**

**Alison Zerafa Civelli – Sindku**
*Responsabbli minn* : Ambjent, Infrastruttura u Progetti, Integrazzjoni Socjali u Anzjani

Tirrapprezenta lill-Kunsill Lokali fis-segwenti : Regjun Xlokk, Forum Komunita' Bormliza, Cottonera Rehabilitation Committee

**Marco Agius – Vici- Sindku**
*Responsabbli minn* : Kultura, Komunitajiet, Jum Bormla

**Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera**
*Responsabbli minn* : Zghazagh u Tfal, EU Affairs

**Johann Scerri – Kunsillier**
*Responsabbli minn* : Innovazzjoni u attivitajiet, Komunita' Kummercjali, Turizmu

**Martin Vella – Kunsillier**
*Responsabbli minn* : Sports u attivitajiet Fizici, Ordni pubblika u immaniggjar tat-traffiku

**James Cauchi**
*Responsabbli minn* : Edukazzjoni, Harsien tal-annimali

**Melanie Agius – Kunsilliera**
*Responsabbli minn* : Sahha u persuni bi bzonnijiet specjali, Qasam Socjali

## 2.3 Attendenza ghas-seduti tal-Kunsill Lokali

Bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Dicembru 2021 fit-tmien legislatura inżammu hmistax il-laqgha (15), u l-attendenza kienet hekk:

| | *Kunsillier* | *Laqghat* | *Prezenti* | *Assenti* | *Assenti b'gustifikazzjoni* | *Persentagg* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *1* | *Alison Zerafa Civelli* | **15** | **15** | **0** | | **100%** |
| *2* | *Marco Agius* | **15** | **15** | **0** | **0** | **100%** |
| *3* | *Noyah Spiteri Hammett* | **15** | **12** | **0** | **3** | **80%** |
| *4* | *Johann Scerri* | **15** | **12** | **0** | **3** | **80%** |
| *5* | *Martin Vella* | **15** | **15** | **0** | **0** | **100%** |
| *6* | *James Cauchi* | **15** | **13** | **0** | **2** | **87%** |
| *7* | *Melanie Agius* | **15** | **14** | **0** | **1** | **93%** |

## 2.4 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill:

L-Istaff kollu tal-Kunsill iwettaq b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa mpossibli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu listaff tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Bormla, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol moħbi, xogħol li jkun mibni, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill. Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, ħafna drabi b'xogħol ukoll barra mill-ħin normali, u dan kollu jagħmel issuċċess kbir li l-Kunsill Bormla qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Duncan Hall | Segretarju Eżekuttiv – Responsabbli mill-operat shih tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani. |
| Is-Sinjura Ramona Falzon Gatt | Assistent Uffiċjal Principali – Responsabbli mill-book-keeping u materji finanzjarji, xoghol ta' rutina fl-ufficcju, progetti u skemi |
| Is-Sinjorina Vanessa Galea | Skrivana - Responsabbli mill-korrispondenza tal-Kunsill Lokali, skemi, haddiema assenjati u assistenza fl-akkwisti |
| Is-Sinjura Stephanie Pace | Skrivana - Responsabbli mill-ilmenti, customer care, permessi mahruga mill-Kunsill Lokali u hlasijiet |
| Is-Sur Ivan Zammit | Skrivan Assenjat - Responsabbli mir-relazzjonijiet mal-klijenti, hlasijiet, permessi mahruga mill-Kunsill Lokali u assistenza fl-akkwisti |
| Is-Sinjorina Vanessa Scerri | Skrivana Assenjata - Responsabbli mir-relazzjonijiet mal-klijenti, permessi mahruga mill-Kunsill Lokali u hlasijiet |

*Matul l-2020 il-haddiema ssekondati mal-Kunsill kienu:*

| | |
|---|---|
| James Rizzo - | RSSL Ltd. |
| Etienne Bugeja - | RSSL Ltd. |
| Martin Buhagiar – | DOL |
| Nazzareno Dalli - | DOL |
| Ivan Zammit - | DOL |
| Vanessa Scerri - | DOL |
| Ian Brignone - | DOL |
| Joseph Martin - | DOL |
| Terry Muscat - | DOL |
| Carmelo Bugelli - | DOL |
| Chris Sciberras - | DOL |
| Chilton Hili - | Skema CIES |
| Charmaine Mangion - | Skema CIES |

Il-Konsulenti li intuzaw mill-Kunsill Lokali matul l-2021 kienu

| | |
|---|---|
| Servizz Legali - | L-avukat Marc Simiana |
| Servizz Peritali - | Il-Perit William Lewis |
| Serizzi ta' Accountancy - | Romina Perici Ferrante |
| Servizz ta' Contracts Manager - | RACS Ltd. |

## *3.0 Il-Finanzi*

### 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

**ID-DĦUL**

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2021 kienet ta': | €541, 488 |
| Other Government Income | €116, 741 |
| Other Supplimentary Government Income | €0 |
| **Dħul minn Bye-Laws ta' €** | |
| Permessi | €32, 867 |
| **Dħul minn Kontravvenzjonijiet ta' €** | |
| Id-Dħul minn kontravvenzjonijiet (imħallsa) | € 7, 496 |
| Sentenced Cases - Accrued Income | € |
| Kummissjonijiet | € |
| Sponsorships | € |
| Dhul mill-Kumitat Kongunt | € |
| **Interessi** | |
| L-Interessi mill-Bank laħqu s-somma ta' | € |
| **Id-Dħul minn attivitajiet oħra li jidħer taħt Dħul Ġenerali ta'** | |
| Donazzjonijiet | € |
| Kontribuzzjonijiet | € 11, 683 |
| Tender Documents | € |
| Reklamar fil-Gurnal tal-Kunsill | € |
| **Id-Dħul totali għas-sena 2020 kien ta'** | **€ 710, 275** |

## L-INFIQ

**Is-Salarji, Onorarja u allowances b'total ta'** **€ 156, 762**

**Tiswijiet u manutenzjoni b'total ta' € 15, 477**

| | |
|---|---|
| Toroq u bankini | €425 |
| Patching | € |
| *Office Furniture & Fittings* | €719 |
| *Public Property* | € - |
| *Tabelli tat-Traffiku* | €3, 612 |
| *Tiswijiet ohra* | €10, 626 |
| *Repair Plant and Equipment* | € 95 |
| Road Markings | € |

**L-Ispejjeż għas-Servizzi b' Kuntratt laħħqu total ta' €251, 786**

| | |
|---|---|
| Gbir ta' Skart | € 104, 993 |
| Gbir ta' Bulky Refuse | € 33, 190 |
| Kiri u Tbattil ta' Skips | € |
| Tipping Fees | € 28, 198 |
| Servizzi addizzjonali ta' tindif | € |
| Knis u Tindif ta' Toroq | €37,747 |
| Tindif u Attendenza – Latrina Pubblika | €565 |
| Tindif ta' l-Ufficcju | € |
| Parks and Gardens | €31, 308 |
| Street Lighting | €15, 785 |

**Amministrazzjoni u spejjeż oħra € 193, 833**

| | |
|---|---|
| Utilities | €14, 590 |
| Other Repairs and Upkeep | €426 |
| Rent | €2,125 |
| Library | €836 |
| National & International Membership | € |
| Office Services | €6, 986 |
| Transport | €8, 146 |
| *Information Services* | €1, 324 |
| *Insurance* | €4,860 |
| *Professional Services* | €44, 959 |
| *Community and Hospitality* | €30, 879 |
| *Social Events* | €3,405 |
| Cultural Events | €36, 334 |
| *Uniforms* | €793 |
| *Bank Interest and Charges* | €507 |
| *Depreciation* | €16, 372 |
| Ammortisation Charge | €366 |
| Provision for bad debts | (€2,185) |
| Bad debts written off | €0 |
| LES Related expenses | €458 |
| Sundry Minor Expenses | €21, 390 |
| Cleaning Materials | €1,262 |
| Penalties | € |
| Staff training | € |
| Other Contractual Services | € |
| **Totali** | **Euro 617, 858** |

## 4.0 Il-Ħidma tal-Kunsill

### 4.1 Rapport ta' Ħidma

*Manutenzjoni, tabelli tat-traffiku, road markings*

Ġew installati **removable bollards u fixed bollards** f'numru ta' toroq, flimkien ma' installazzjoni ta' għadd ta' **U Channels** f'diversi nħawi. Ittieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex wara li inkisbu l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa ingħalqet għat-traffiku parti minn Pjazza Santa Margerita. Ix-Xogħol sar fil-maġġor parti tiegħu permezz ta' ħaddiema tar-Reġjun Xlokk. Permezz tal-istess ħaddiema, ġew immanufatturati u installati numru sostanzjali ta' **railings ornamentali** f'diversi toroq u sqaqien. Permezz tal-ħaddiema assenjati sar ukoll xogħol kontinwu ta' **Road markings.** Sar xogħol ta' manutenzjoni estensiva fuq diversi **ċnut u spazji pubbliċi**. Dawn kienu jinkludu fost l-oħrajn xogħolijiet ta' manutenzjoni estensiva fuq ċint fi Triq Hanover

*Indafa Pubblika*

Sal-lum għad m'għandniex statistika dwar l-ammont ta' **skart riċiklabli** li nġabar mil-lokalita' fl-2021.Il-proġett tal-ġbir tal-**iskart organiku** kompla ħalla l-impatt tiegħu fuq l-indafa pubblika fil-lokalita' u jidher li r-residenti qiegħdin jitgħallmu kemm huwa importanti li jsir riċiklaġġ. Matul l-2021, rappreżentanti tal-Kunsill Lokali flimkien ma' numru mdaqqas ta' volontiera pparteċipaw f'sessjonijiet regolari ta' **tindif** li nżammu madwar il-lokalita'. Dan minbarra li permezz ta' kuntratturi tal-Kunsill Lokali sar tindif regolari ta' spazji miftuħa, ġonna pubbliċi u toroq madwar il-lokalita'.

*Relazzjonijiet Pubbliċi*

Matul l-2021, hekk kif ippjanat sar aġġornament regolari tal-paġna uffiċjali tal-Kunsill fuq **Facebook** li permezz tagħha il-Kunsill Lokali jżomm aġġornat dwar ħidmietu lil kull min iżurha. Sar **Live Streaming** tas-Seduti tal-Kunsill Lokali hekk kif legalment stabbilit. Dan minbarra li żdiedet il-possibilita' li kulħadd jista' jara s-seduti tal-Kunsill Lokali f'ħin konvenjenti għalih peress illi **recordings** tas-seduti kollha qiegħdin jittellgħu fuq il-web-site tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali nieħda eżerċizzju li permezz tiegħu qiegħed jibgħat **ittri u flyers** b'mod regolari sabiex iżomm lir-residenti kontinwament aġġornati bil-ħidma li jkun qiegħed jimplimenta fil-lokalita'.

*Street Lighting*

Ġew installati numru ta' bozoz ġodda fosthom fi **fiż-żoni ta' San Gwann t'Għuxa** fejn saret sistema ta' dawl ġdida wara li dik li kien hemmma baqgħetx tiffunzjona. Saret

manutenzjoni fuq id-dawl tat-toroq fejn kien hemm il-htiega, spiza li ghas-sena 2021 lahhqet l-ammont ta' €15, 785.

*Attivitajiet*

Ġiet organizzata l-attivita' **Jum Bormla 2021** b'mod ristrett izda b'konformita' ma linji gwida mahruga mill-awtoritajiet tas-sahha b'konnessjoni mal-pandemija COVID-19. Matul din l-attivita ingħata Gieh Bormla u rikonoxximent ukoll numru ta' individwi ohra. Matul l-2020 ittellghet ukoll ir-raba' edizzjoni tal-**Cospicua Short Play Festival**, attivita' li kienet possibbli grazzi ghal fondi li nkisbu permezz tal-iskema ta' attivitajiet kulturali varata mis-Segretarjat Parlamentari ghal-Gvern Lokali flimkien mal-fondazzjoni Kottonera. Minkejja li fuq skala ristretta l-attivita' kisbet kritika pozittiva minghand residenti, esperti fil-qasam u nies li zaru l-attivita' matul tmiem il-gimgha. Ghall-ewwel darba, u wara li nkisbu fondi mis-Segretarjat ghall-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali ha hsieb li tittella' l-attivita' **'A legend in the city'**, liema attivita' ttellghet b'success f'Dicembru 2021 u kellha rabtiet mal-festi tal-Milied

*Edukazzjoni*

Matul l-2021, il-Kunsill Lokali ikkollabora bis-shih mal-**iskejjel** kollha li jinsabu fil-konfini tal-lokalita'. Minbarra tindif kostanti taz-zoni tal-iskejjel, kien hemm kordinament kontinwu sabiex it-tfal jiehdu l-ahjar edukazzjoni possibbli. Dawn il-mizuri kienu jikludu fost l-ohrajn it-tqassim ta' maskli personalizzati lill-istudenti tal-iskola primarja tal-Gvern bl-gha. Matul l-2021, hekk kif sehh fis-snin precedenti, il-Kunsill Lokali kompla jinvesti fil-**librerija pubblika** tal-lokalita' b'xiri ta' kotba u titjib tal-infrastruttura.

*Oħrajn*

Inzammu wkoll numru sostanzjali ta' laqghat ma' diversi **Ministeri** u **Dipartimenti tal-Gvern** li kellhom l-ghan ewlieni illi jhejju t-triq ghal numru sostanzjali ta' progetti li qieghdin nippjanaw illi ghandhom jimmaterjalizzaw matul l-2022.

Matul l-2021, il-Kunsill Lokali kkonkluda progett permezz tal-iskema ***LC Care project***. Permezz ta' fondi miksuba, il-Kunsill Lokali bbenefika minn kwazi tmint elef ewro sabiex ikun jista' jigi implimentat progett li permezz tieghu inghatat ghajnuna lil cat feeders registrati f'Bormla u lis-santwarju tal-qtates CSAF li wkoll jinsab fil-lokalita'. Fost l-ohrajn tqassmu ikel, medicinali, *cat shelters, vouchers* ghal *neutering* u cat cages. Dan minbarra li permezz ta' fondi tal-Kunsill Lokali inxtara ikel ghall-qtates li b'mod regolari tqassam lill-feeders li l-Kunsill Lokali ghandu rregistrati mieghu.

Fiz-zmien in-kwistjoni, il-Kunsill Lokali kellu numru ta' laqghat b'konnessjoni mal-introduzzjoni tal-kuncett ta' ***community policing*** fil-kottonera, liema progett gie varat matul l-2021 u qieghed ihalli l-frott tieghu.

Permezz ta' skema mahruga mill-Agenzija LESA, il-Kunsill Lokali, bi spiza ta' kwazi hamest' elef ewro installati ***hadid ornamentali*** fi Triq id-Dejqa. Il-hadid huwa replica ta' dak li kien hemm fil-passat.

Matul l-2021 gew imfakkra avventimenti annwali li ta' kull sena l-Kunsill Lokali jikkommemora. Fost l-ohrajn gew ikkommemorati avvenimenti bhalma huma ***Pink October***.

Matul l-2021 rapprezentanti tal-Kunsill Lokali hadu l-inizjativa illi jigbru fondi li gew moghtija lill-***Malta Community Chest Fund*** , lid-***Dar tal-Provvidenza***, **ALS Malta** u **Puttinu** waqt maratoni ta' gbir ta' fondi miz-zewg organizzazzjonijiet.

*Ilmenti*

Il-Kunsill Lokali jirregistra l-ilmenti li jidhlu minghand ir-residenti u individwi li javvicinaw lill-Kunsill Lokali. Minkejja li kif imtenni jezisti registru, f'sena kalendarja jidhlu mijiet ta' ilmenti ohra li ma jigux registrati ghaliex tittiehed azzjoni dwarhom b'mod immedjat. Is-Segwenti hija gabra ta' ilmenti kklassifikati hekk kif gew irregistrati matul l-2018.

| | |
|---|---|
| *Wsc ( Drainage)* | 6 |
| *WSC ( Water seepage)* | 3 |
| *WSC ( Water leakage)* | 1 |
| *Waste Water* | 4 |
| *Waste Management* | 31 |
| | |
| *Verges* | 4 |
| *U-Channels* | 25 |
| *Traffic Signs* | 40 |
| *Traffic Management Directorate* | 35 |
| Sweeping | 40 |
| Soft Areas | 14 |
| Roadmarkings | 19 |
| Repairs & Maintenance | 141 |
| Littering | 45 |

| | |
|---|---|
| Un/Loading | 6 |
| Noise Pollution | 10 |
| Patching | 15 |
| Playing Fields | 4 |
| Police | 29 |
| Pavements | 8 |
| Litter bins | 4 |
| Law enforcement | 28 |
| Illegal Dumping | 8 |
| Health Inpectorate | 11 |
| Hand Rails | 14 |
| Gnien kottonera | 16 |
| Enforcement | 71 |
| Encumbering Objects | 4 |
| Derelict Vehicle | 2 |
| Deceased Animals | 2 |
| Dangerous Structures | 1 |
| General Cleaning | 60 |
| Bulk refuse | 35 |
| Bring-in-sites | 4 |
| Administration | 11 |
| ***TOTAL*** | ***751*** |

Il-ħidma fuq dawn l-ilmenti tokkupa regolarment lill-impjegati tal-Kunsill fuq bazi kwotidjana. Dawn minbarra li janalizzaw il-problemi, jiddiskutuhom mas-SegretarjuEżekuttiv għall-azzjoni li għandha tittieħed u jibdew proċeduri ta' verifika ta' dawn l-ilmenti, li uħud minnhom ma jkunux verifikabbli, jaraw ukoll li jinfurmaw liddipartimenti, jew kuntratturi u persuni responsabbli fejn dawn l-ilmenti jiġu solvuti għas-sodisfazzjon tar-residenti. Ħafna drabi, iżda jinħela ħafna żmien prezzjuż għaliex l-ilment ikun nieqes minn informazzjoni korretta, jew l-ilment/rapport ma jkunx korrett, u minħabba l-fatt li l-Kunsill m'għandux sistema u mezzi sabiex jivverifika mmedjatament l-istess ilmenti li jidħlu. Fil-Kunsill ma jeżistix dak ix-'xi ħadd' li jista' jitqabbad jagħmel dan ix-xogħol! U għalhekk bilfors ikun hemm dewmien qabel ma jkun ivverifikat lilment, minbarra li kull xogħol jieħu ż-żmien tiegħu sabiex jitlesta, minħabba lproċeduri kollha li jridu jkunu eżegwiti, kif ukoll tal-finanzi disponibbli.

## 4.2 Konkluzjoni

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill ta' Bormla għas-sena 2019. ***Ma' dawn ix-xogħolijiet għandu jizdied ix-xogħol imwettaq mill-Kunsill Lokali u rrapurtat fir-rapport ta' ħidma mhejji u ppreżentat mill-Kunsilliera fl-oqma rispettivi. Dawn ir-rapporti jinsabu annessi u jiffurmaw parti minn dan ir-rapport.*** Ta' min jinnota li matul is-sena, saru ħafna u ħafna aktar interventi u xogħolijiet mill-impjegati tal-Kunsill u mis-

Segretarju Eżekuttiv li ma nkludejthomx f'dan irrapport. Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

Duncan Hall
Segretarju Ezekuttiv

## 5.0 *Statement of income and expenditure (Siltiet mill-Annual Audit Report)*

**Statement of Income and Expenditure**

| | 2021 € | 2020 € |
|---|---|---|
| **Income** | | |
| Funds received from Central Government | 658,299 | 614,167 |
| Income raised under Council Bye-Law | 32,867 | 25,388 |
| Income raised under Local Enforcement System | 7,496 | 3,282 |
| General Income | 11,683 | 4,809 |
| | **710,275** | **647,646** |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | 156,762 | 132,052 |
| Operations and maintenance | 267,263 | 251,346 |
| Administration and other Expenditure | 193,833 | 151,957 |
| | **617,858** | **535,355** |
| **Surplus / (Deficit) for the year** | **92,417** | **112,291** |

## 5.0 *Statement of Affairs* (Siltiet mill-*Annual Audit Report)*

### Statement of Affairs

| | 2020 € | 2019 € |
|---|---|---|
| **ASSETS** | | |
| **Non-Current Assets** | | |
| Property, plant and equipment | 107,965 | 108,379 |
| Intangible assets | 867 | 396 |
| **Current Assets** | | |
| Trade and other receivables | 156,548 | 164,743 |
| Cash and bank balances | 975,094 | 608,138 |
| **Total Assets** | **1,131,642** | **772, 881** |
| **RESERVES AND LIABILITIES** | | |
| Retained Earnings | 610,868 | 518,451 |
| Total Equity | 0 | 0 |
| **Non Current Liabilities** | | |
| Deferred income | 0 | 0 |
| **Current Liabilities** | | |
| Trade and other Payables | 629,606 | 363,205 |
| **Total Current Liabilities** | 629,606 | 363,205 |
| **Total Liabilities** | 629,606 | 363,205 |
| **Total Reserves and liabilities** | **1,240, 474** | **881,656** |

## EU Affairs

- Giet sottomessa applikazzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jikseb fondi minn Norway Grants. Il-kuncett li bih applika il-Kunsill Lokali intleqa' tajjeb hafna u gie rikonoxxut bhala wiehed mill-aktar progetti innovattivi. Madanakollu, il-Kunsill Lokali ma bbenefikax mill-progett kawza ta' dettalji teknici.

- Il-Kunsill Lokali flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Isla issieheb ma' entita' governativa u inkisbu fondi bil-ghan illi jsir studju dwar il-volum ta' materjal tossiku maghruf bhala asbestos li kien hemm fiz-zewg lokalitajiet u jigu identifikati mezzi ta' kif l-istess volum seta' jitnaqqas.

- Il-Kunsill Lokali flimkien mar-Regjun Port u l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ibbenefika minn fondi sabiex isir studju dwar l-impatt tat-traffiku fuq il-lokalita'. Il-progett li kellu skala nazzjonali inghata l-isem ta' Slow Streets u ressaq numru ta' proposti b'mod partikolari dwar zoni pedonali.

- Il-Kunsill Lokali applika sabiex jikseb fondi permezz tal-programm Sustainable Urban Mobility Programme. Il-porposta tal-Kunsill Lokali li kienet tara l-introduzzjoni ta' servizz ta' trasport bil-bahar minghajr hlas sfortunatament ma kenitx wahda mill-proposti maghzula

## Zghazagh u tfal

- Matul l-2021, minkejja r-restrizzjonijiet li gabet maghha l-pandemija COVID-19 b'hidma mad-Dipartiment tal-anzjani u b'kollaborazzjoni mas-settur tal-edukazzjoni gie mniehdi progett ghat-tfal tal-lokalita' bl-isem ta' school grannies. Il-progett li ghalih intaghzlet Bormla bhala lokalita' pilota nizel tajjeb hafna tant illi kien rikonoxxut bhala inizjativa pozittiva minn diversi entitajiet.

- B'kollaborazzjoni mis-settur sportiv, il-Kunsill Lokali ghen sabiex il-klabb tal-futbol tal-lokalita' St.George's F.C. wara nuqqas ta' diversi snin iwaqqaf nursery ghat-tfal, liema nursery bdiet topera fis-sajf tas-sena 2021.

- Bil-kollaborazzjoni tar-Regjun Port, it-tfal kollha tal-iskola primarja gew moghtija maskla personalizzata, hekk kif din tal-ahhar kienet mandatorja waqt l-attendenza tal-iskola.

- Matul l-2021, kelli laqghat regolari ma grupp ta' zghazagh illi kellhom hafna idejat innovattivi u interessanti, liema idejat ma setghux jidhlu fis-sehh kawza tal-pandemija COVID-19. Madanakollu, sar pjan sabiex kemm il-darba ikun possibbli l-proposti li ressquli jitwettqu fl-2022.

**Subject:** Rapport ta' Hidma / April, 2022 - Harsien tal-Drittijiet tal-Annimali mill-mohqrija
**Date:** Tuesday, 19 April 2022 at 09:59:42 Central European Summer Time
**From:** Cauchi James at Cleansing and Maintenance
**To:** Hall Duncan at Bormla Local Council, Bormla Local Council at Bormla Local Council

19.04.2022

Ghaziz Segretarju,

Rapport ta hidma mid Dekasteru, Harsien tad Drittijiet tal Annimali mill mohqrija.

Is Sinjura, Alison Zerafa Civelli, b sodisfazjon komplit turi, l fiducja taghha fl impenn tieghi, bil konferma tad derogi mill legislatura precedenti.

Harsien tad Drittijiet tal Annimali mill mohqrija; komplejna fuq il pjan ta hidma li kien inbeda wkoll mill legislatura precedenti mall korpi kollha kostittwiti, mall pubbliku ingenerali izda, b mod partikolari u b attenzjoni ndividwali fuq pariri minghand dawk kollha li jimmilitaw f dan il qasam.

2. Flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv, s-sur Hall u l-amministrazzjoni tieghu, ressaqna applikazzjonijiet biex ksibna ghajnuna minn fondi kemm ghas santwarju li jimmilita gewwa beltna, ghajnuna ghal feeders kif ukoll fondi sabiex stajna nibnu cat cafe shelters bil haddiema tal Kunsill, medicini u gaggeg apposta biex jintuzaw ukoll ghal neutering madwar beltna, Bormla.

3. Flimkien madwar il-mejda tal-Kunsill fuq proposti tieghi anke bi prezentazzjoni minni stess bhala lehen tal-feeders f` mozzjonijiet ukoll relatati hafna drabi b`unanimita pprogettajna budgets li setghu jkomplu jghinu lil- feeders registrati taghna kemm b` vouchers ghal neutering kif ukoll bit tqassim ta dry food skond l-esigenzi tal-istess feeders

4. Bhala, parti minn dan l impenn kontinwu u hands on, konna varajna kampanja anke fil media kuntatt fuq fb minni stess kif ukoll il-Kunsill baqa committed li ser inkunu qed noholqu iktar awareness mat tfal taghna fl iskejjel, b` attivitajiet wkoll li jkunu jinvolvu dirett bl-annimali

5. Nixteiq nibqa nfakkar bil press conference mill Ministeru koncernat u s- Sinjura Lydia Abela, mill ufficcju tal Prim Ministru li l-Kunsill taghna ghal ewwel darba fl-istorja tieghu, kien zamm favur il-Harsien tal-Annimali in generali, avveniment li baqa jissemma u mfahhar anke barra beltna.

Nibqa nistqar li, kien mument ta sodisfazjon kbir flimkien ma shabi u kollegi li stajt inkun ta kontribut pozitti w inovattiv fir responsabilitajiet fdati lili f dan il qasam, stajt inkun lehen ukoll ghal dawk ir residenti dedikati b` sagrificcji kbar favur l-annimali

Naghlaq, b apprezzament lejn kull min kien min gejt bzonnu waqt il qadi ta dmirijieti kif ukoll grazzi kbira ma tistax tonqos lejn amministrazzjoni kollha tal kunsill taht it tmexxija tas sur Hall kif ukoll lil kollegi, Sindku partikolarment ghad disponibilita taghha u l kollegi kunsilliera ghal vot unanimu li dejjem sibna minghandhom.

Insellimlek u grazzi ta kollox

James Cauchi
Kunsillier Lokali
Beltna, Bormla.

Rapport annwali tal-ħidma tiegħi fi ħdan il- Kunsill Lokali Bormla

Tul dawn l-aħħar sitt xhur il-ħidma tiegħi bħala kunsilliera kienet ftit minima minħabba l-fatt li ma stajtx nagħmel xi attivitajiet relatati mad-dekasteru tiegħi minħabba l-pandemija. Ma dan kollu il-ħidma tiegħi xorta waħda ma waqfitx u dan minħabba l-fatt li xorta bqajt nagħmel kuntatt man-nies li kellhom bzonni u kien hemm ukoll xi familji li jien ghent min jgheddi permezz ta' xirjiet li kellhom bzonn. Kien hemm xi familji ukoll li kienu jinsabu fi kwarantina u dawn ukoll talbu l-ghajnuna tieghi bħala kunsilliera fejn jien ghenthom ukoll billi mort naqdi lilhom u anke hadt il prekawzjonjiet kollha. Fuq il-mezzi socjali infitah grupp ukoll fejn qed nghinu lin nies fíl- bzonn permezz ta ghajnuna volontarja min nies tal-local stess li jkunu jixtiequ jaghtu donazzjoni ta affarijiet tad dar bhal ghamara u oggetti ohrajn u dawn qed jinghataw lil familji fil- bzonn gewwa Bormla u l- Kottonera.

Min naħa tiegħi bħala kunsilliera li għandi dekasteri tas-saħħa u anke soċjal dawn huma affarijiet li jaqgħu taħt idejja u bħala kunsill flimkien mal kummisjoni djakoinja fi ħdan il- Parroċċa ħdimna id f'id biex naraw kif nistgħu ngħinu aħjar il- familji fil-bzonn waqt il-pandemija fejn fost l-oħrajn kien hemm familji li ġew mogħtija xirjiet b'xejn li aħna bħala kunsill bdejna nagħtu permezz ta persuna li għoġbu jagħti donazzjonijet ta' ikel biex jitqassmu lil-familji fil-bzonn ġewwa Bormla.

Fir-rigward tad-dekasteru tas-saħħa permezz tal-mezzi tal-media soċjali bdejt nagħmel awerness sabiex wieħed jitlaqqam bil-vaċċin kontra l Covid 19 kif ukoll sabiex wieħed jaħsel idejh ta spiss u anke biex nuzaw is- sanitiser u anke l-importanza ta kif tintlibes il- maskla u biex nzommu distanza soċjali.

Għalkemm tul il-pandemija il-ħidma tiegħi kienet minima imma xorta waħda bqajt qrib in- nies u dan billi xorta waħda ltqajt ma nies u smajt anke l- ilmenti tagħhom liema lmenti mbaghad addejthom il- Kunsill Lokali, fejn kien hemm lmenti oħrajn li ma kellhom x; jaqsmu xejn mal-Kunsill Lokali dawn għadejthom ll-persuni konċernati jew lil entitajiet konċernati.

Matul dawn l-aħħar xhur fi zmien pandemija xorta ħdimt ukoll id f'id mal Kunsilliera sħabi l-oħra u dejjem kellna ghan wieħed dak li nġibu l-lokal tagħna l-ewwel.

Pjanijiet għas-sena li ġejja hemm ħafna fosthom li jsiru laqghat mal-pubbliku fejn tidhol gharfien dwar is- sahha mentali u anke gharfien dwar il- vjolenza domkestika. Hemm il- hsieb ukoll li ssir xi forma ta fiera tal-volontarjat biex anke nheggu lit-tfal u zghazagh jitrawmu fil- volontarjat. Hemm ukoll il- hsieb li jsiru laqghat dwar id-dimensja u anke li local taghna jkun dementia friendly permezz ta'sinjali u tabelli li jghinu lin-nies li jbatu mid-dimentia. Hemm il- hsieb ukoll li jerga jinfetah il- club tan-nanniet gewwa Bormla flimkien mal- fondazzjoni Nanniet Malta u dawn il- laqghat jkunu kull hmistax b' kelliema differenti u anke kelliema li jrawmu l crafts fost l-anzjani.

Fejn jidħol dekasteru tas-soċjal ser inkun qed nkompli naħdem mal Kummisjoni Djakonija fejn fost l-oħrajn ser nkompli ngħin lil familji fil bzonn.

Fejn jidhlu persuni b'dizabilita' ser inkun qed nisma lmenti li għandhom dawn in- nies fosthom fejn jidħol problemi bil-parkeġġ, u problemi oħra u nwassal lmenti tagħhom lil Kunsill. Ser inkun qed niltaqgha mal-kummisjoni persuni b'dizabilita' gewwa Bormla u nara kif flimkien mal-Kunsill u l- gvern Centrali nistghu nghinuhom anke jsiru ghaqda volontarja

u kif jistghu jibenifikaw min skemi sabiex jigi trangat ic-centru li huma jiltaqghu fih.

Melanie Agius Attard

Kunsilliera Bormla

Dekasteru Saħħa, Soċjal u persuni b'dizabilta'

**RAPPORT TA HIDMA JOHANN SCERRI** **2021**

DIKASTERI TURIZMU
INNOVAZZJONI
GHAQDIET KUMMERCJALI
ATTIVITAJIET

**S SENA 2021 BHAS SENA TA ' QABEL MA TANTX KIENET SODISFACENTI MINN DAK LI HUMA ATTIVITAJIET. GHALKEMM KIENET LIMITATA ,XORTA WAHDA IRNEXXIELI NKOMPLI B HIDMA FI DIKASTERI RISPETTIVI.**

GHAL SENA OHRA KONSEKUTTIVA IRNEXXIELNA NAGHMLU B SUCCESS PERO BIL LIMITAZZJONI TAL COVID XORTA TELLAJNA GHAL SENA OHRA D-DRAMA FESTIVAL.REGA NTOGHGOB U IR RESIDENTI REGAW IKKONTRIBWIXXEW GHALIH. KELLNA XOGHOL MILL AQWA U PLAYS MILL AQWA.

GHALL EWWEL DARBA TELLAJNA WEEKEND ATTIVITA MARBUTA MA ZMIEN IL MILIED BL ISEM TA 'A LEGEND IN THE CITY' BHAL ATTENDENZA MA KELLNIEX KONKORRONZA MIXTIEQA PERO L ATTIVITA TAL FATHER CHRISTMAS LI KELLNA MARBUTA MAGHHA KIENET SUCCESS.

JIEN FLIMKIEN MA DIKASTERU TIEGHI KOMPLEJNA NAHDMU FUQ IL MAPPA TA BORMLA ,GHADDEJJA B RITMU TAJJEB U NISPERAW LI SA L AHHAR TA DIN IS SENA NKUNU NISTAW INNIEDUHA.

RESSAQT PROGETT PILOTA BIEX FI PJAZZA GAVINO GULIA ISIR TISBIEH MIN HEDGING BIEX JAGHMEL REPLACEMENT TAL BOLARDS ESISTENTI.

RESSAQT MOZZJONI OHRA BIEX ISIR PARKEGG BIL HIN EXCEPT FOR RESIDENTS FI TRIQ DOM MINTOFF U L MADWAR.